MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 597/2003

**Vincenza Bonello**

**vs**

**Anna Nappa**

**u**

**Emanuel u Sonia konjugi Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenuti prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta Anna Nappa kisret il-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni tal-fond numru wiehed**

**u tletin (31), Triq San Mikiel, Bormla kif pattwiti bi skrittura privata tas-6 ta' Marzu, tas-sena 2002 (Dok. X) billi ssullokat jew b'xi mod iehor assenjat id-drittijiet lokatizji taghha a favur tal-konvenuti l-ohra;**

**1. tiddikjara rizolta l-kirja minhabba ksur tal-kundizzjonijiet da parti tal-konvenuta Nappa;**

**2. jigu ordnati jivvakaw il-fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti;**

**3. il-konvenuta Nappa tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' mitejn Lra Maltin (LM200) kera li sar dovut fl-1 ta' Marzu, tas-sena 2003;**

**Ghall-fini tal-Kap 12, qed jigi dikjarat li l-kera tal-fond hi ta' mitejn Lira Maltin (LM200) fis-sena;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju tas-sena 2003 u bl-imghax legali mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenuta Anna Nappa twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta Anna Nappa naqset u ma dehritx, la fl-4 ta' Mejju tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta Anna Nappa u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti l-ohra Emanuel u Sonia konjugi Azzopardi.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------